TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 51/13-F

**Theresa Decelis**

**vs**

**Mobisle Communications**

Illum 23 ta' Ottubru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-20 ta' Frar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet sabiex jiġi sblukkat il-*mobile phone* jew sabiex jinbidel il-*mobile phone* jew rifużjoni ta' ħamsa w erbgħin ewro (€45), sabiex tkun tista' tabbona ma' *service provider* ieħor.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *mobile phone* mingħand is-soċjeta' ntimata għall-prezz ta' ħamsa w erbgħin ewro (€45) u wara li nħliet il-card, is-servizz ta' dan il-*mobile phone* ingħalaq u sabiex jerġa' jiġi sblukkat il-*mobile phone* kellha tħallas l-ammont ta' sitta w erbgħin ewro, u disgħa u ħamsin ċenteżmi (46.59).

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi l-prezz huwa baxx u qegħda abbonata mas-servizz tal-GO Plc jiġifieri tal-Mobisle Communications u sabiex tinħall minn ma' Mobisle Communications trid tħallas tas-servizz.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi huwa normali li meta tixtri *mobile phone* b'ammont żgħir ta' flus tkun abbonat, pero' f'dan il-każ it-Tribunal iħoss illi tal-Mobisle Communications imisshom infurmawha eżatt bl-affarijiet kif inhuma għaddejjin.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888